

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Żgħażaġħ Attivi

Azzjoni 1 — Żgħażaġħ għall-Ewropa

Proġetti pilota ta' networks tematiċi

Sejħa għal proposti — EACEA/08/07

(2007/C 119/06)

1. Obiettivi u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti qed issir fil-qafas tal-miżuri strutturali previsti taħt l-Azzjoni 1 tal-programm “Żgħażaġħ Attivi”. Din għandha l-għan li tappoġġa l-ħolqien u/jew it-tisħiħ tan-networks tematiċi ta' proġetti ta' skambju taż-żgħażaġh, ta' inizjattivi għaż-żgħażaġh u ta' proġetti tad-demokrazija rilevanti għall-programm “Żgħażaġħ Attivi” u l-programm “Żgħożġja”. Dawn in-networks tematiċi għandhom jissodisfaw dawn l-obiettivi:

- jistabbilixxu konnessjonijiet bejn proġetti bl-istess tema,
- ipoġġu għal dispożizzjoni komuni l-esperjenzi f-qasam tematiku speċifiku;
- iżidu l-konnessjonijiet bejn skambji ta' żgħażaġh, inizjattivi taż-żgħażaġh u proġetti tad-demokrazija;
- jevalwaw, ixerrdu u jisfruttaw ir-riżultati tal-proġetti.

It-tema proposta għandha tirrifletti l-obiettivi tal-programm “Żgħażaġħ Attivi”.

2. Applikanti eliġibbli

Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet bi skop mhux kummerċjali jew minn entitajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, li jkollhom personalità ġuridika u li jkunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi tal-Programm fid-data tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni.

Il-pajjiżi tal-programm huma dawn:

- **I-Istati Membri** ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, il-Portugall, Franza, l-Italja, l-Iżvezja, r-Renju Unit, l-Irlanda, l-Lussemburgu, l-Olanda, l-Finlandja, l-Greċja, Ċipru, l-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, l-Latvja, l-Litwanja, Malta, l-Polonja, r-Repubblika Ċeka, r-Rumanija, s-Slovakkja, s-Slovenja;
- **I-Istati ta' Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)** (l-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja), soġġett għad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-kumitat konġunt taż-ŻEE fid-data ta' l-għażla tal-proġett;

⁽¹⁾ Il-persuni residenti f'pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar u, jekk ikun il-każ, il-korpi u istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati ta' pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar huma eliġibbli għall-programm Żgħażaġħ Attivi, soġġett għar-regoli tal-programm u d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jkunu konnessi. Il-lista tad-dipartimenti jew territorji in kwistjoni tinsab fl-Anness 1A tad-Deċiżjoni 2001/822/KE tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1).

- **il-pajjiż kandidat** li jibbenefika minn strateġija ta' pre-adeżjoni, b'mod konformi mal-prinċipji ġenerali, l-kondizzjonijiet u l-proċeduri ġenerali stabbiliti fil-ftehim ta' qafas konkluż ma' dan il-pajjiżi għall-finijiet tal-parteeipazzjoni tiegħu fil-programmi Komunitarji: t-Turkija.

Il-proġetti għandhom jinvolvu organizzazzjonijiet imsieħba minn ta' mill-inqas **10 pajjiżi differenti** (inkluż il-korp applikant). L-imsieħba kollha jridu jkunu żviluppaw proġetti jew ikunu fil-proċess li jimplimentawhom fil-kuntest tal-programmi "Żgħażaġħ" jew "Żgħażaġħ Attivi". Għandu jiġi osservat li l-imsieħba ma jistgħux ikunu marbuta b'mod statutorju mal-korp applikant.

Il-persuni fiżiċi ma jistgħux ikunu benefiċċjarji ta' sussidju fil-kuntest ta' din is-sejħa għal proposti.

3. Baġit u tul ta' żmien tal-proġetti

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti fil-qafas ta' din is-sejħa għal proposti huwa stmat li jkun ta' madwar **miljun EUR**.

L-ghajjnuna finanzjarja ma tistax taqbeż il-**65 %** tat-total ta' l-ispejjeż eliġibbli.

Is-sussidju massimu għal kull applikazzjoni ma jistax jaqbeż il-**100 000 EUR**.

L-attivitajiet għandhom jibdew **bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Marzu 2008**. Il-proġetti għandhom ikunu għal perjodu minimu ta' **6 xhur** u perjodu massimu ta' **12-il xahar**.

4. Data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura ("l-Aġenzija") sa mhux iktar tard mill-**1 ta' Settembru 2007**, bit-timbru tal-posta jitqies bħala prova.

5. Aktar tagħrif

L-applikazzjonijiet iridu jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tat-test sħiħ u jridu jiġu ppreżentati bil-formola ta' applikazzjoni t-tajba. Dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu mill-Internet, minn dan il-websajt:

<http://eacea.ec.europa.eu>
